II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/548

tat-23 ta' Marzu 2017

li jistabbilixxi formola standard għad-dikjarazzjoni bil-miktub dwar it-tneħħija jew it-tkissir ta' siġill tat-takografu

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar takografi fit-trasport bit-triq, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq [1], mod partikolari l-Artikolu 22(5) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 jistabbilixxi r-rekwiżiti amministrattivi u tekniċi relatati mal-kostruzzjoni, l-installazzjoni, l-użu, l-ittestjar u l-kontroll tat-takografi użati fit-trasport bit-triq.

(2) L-Artikolu 22(5) tar-Regolament (UE) Nru 165/2014 jistabbilixxi li f'każijiet meta siġill jitneħħa jew jitkisser għall-iskop ta' tiswija jew modifika tal-vettura, għandha tinżamm fil-vettura dikjarazzjoni bil-miktub li ssemmi d-data u l-ħin meta s-siġill inkiser u tagħti r-raġunijiet għat-tneħħija tas-siġill.

(3) Ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 jitlob lill-Kummissjoni tiżviluppa formola standard għad-dikjarazzjoni bil-miktub.

(4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar it-Trasport bit-Triq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-membru tal-persunal tal-ħanut tax-xogħol li jkun neħħa jew kisser is-siġill tat-takografu minħabba tiswija jew modifika tal-vettura, kif imsemmi fl-Artikolu 22(5) tar-Regolament (UE) Nru 165/2014, għandu jikkompleta, jiffirma u jittimbra dikjarazzjoni bil-miktub bl-informazzjoni stipulata fl-Anness ta' dan ir-Regolament. Id-dikjarazzjoni bil-miktub oriġinali għandha tinżamm fil-vettura, u kopja ttimbrata għandha tibqa' fil-ħanut tax-xogħol fejn is-siġill tneħħa jew tkisser.

[1] ĠU L 60, 28.2.2014, p. 1.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Marzu 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Dikjarazzjoni bil-miktub dwar it-tneħħija jew it-tkissir ta' siġill tat-takografu

1. Numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura
2. Numru ta' identifikazzjoni tal-vettura
3. Isem tax-xufier
4. Liċenzja Komunitarja tat-trasportatur jew tat-trasportatur ([1])
5. Isem tal-ħanut tax-xogħol
6. Indirizz tal-ħanut tax-xogħol
7. Numru ta' identifikazzjoni tal-ħanut tax-xogħol
8. Isem il-membru tal-persunal responsabbli għat-tneħħija tas-siġill
9. Numru tas-siġill imneħħi
10. Data u ħin ta' tneħħija tas-siġill
11. Raġuni(ijiet) għat-tneħħija
12. Rimarki

Post u data

Firma tal-membru tal-persunal Firma tax-xufier

([1]) Meta applikabbli, skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 72) jew l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tas-servizzi tal-kowċ u x-xarabank, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 88).